# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A. (HONS) LL.D. – PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 2 ta' Novembru, 2001**

**Numru 11**

**Rikors Nru. 758/2000PV**

**Tat-Taljan Co. Ltd.**

**vs**

**Awtorita' ta' l-Ippjanar u bid-digriet tal-15 ta' Marzu, 2001, l-Avukat Dottor Joseph M. Sammut gie awtorizzat jintervjeni fil-kawza**

**Il-Qorti;**

**<u>Ir-rikors promotur</u>**

Is-socjeta' rikorrenti pprocediet kontra l-Awtorita' ta' l-Ippjanar b'dan ir-rikors quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili li bih allegat li din kienet qed tivvjolalha l-jeddijiet fondamentali taghha kif protetti bil-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem.

1. "Is-socjeta' rikorrenti hija l-propjetarja tal-fond "Miranret", Triq ta'Ciantar, Zurrieq, u dan-negozju gestit fih hu debitament munit bil-licenzji w permessi kollha skond il-ligi ;

2. Illi ricentement l-intimata Awtorita' ta' l-Ippjanar, abusivament, minghajr ebda dritt fil-ligi, b'disprezz ta' kull procedura legali, u bl-ikbar inkuranza ghall-proceduri pendenti quddiem il-Qrati w l-Bord ta' l-Appell Dwar l-Ippjanar, spussessaw lir-rikorrenti mill-propjeta' w negozju taghha ;

3. Illi dan gara fit-2 ta'Novembru, 2000, u avvera ruhu billi l-Awtorita' ssiggillat il-fond appartenenti lill-rikorrenti w eskludiet lill-istess rikorrenti mill-pussess tal-fond u tal-makkinarju w negozju gestit fih, u dan b'danni evidenti w ngenti kontra r-rikorrenti;

4. Illi tali agir gie kommess mill-Awtorita' meta kien ghad hemm appell pendenti quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar dwar 'Enforcement Notice' mahrug mill-Awtorita' fil-konfront ta' l-istess negozju w anke fil-pendenzi ta'proceduri gjudizzjarji ohra dwar l-istess negozju ;

5. Illi l-iskop ta' tali azzjoni hija evidenti w saret b'mod li effettivament tippriva lir-rikorrenti mis-smiegh xieraq quddiem l-fuq imsemmija awtoritajiet tad-drittijiet tagha;
6. Illi tali azzjoni hija ferm izjed invidjuza meta wiehed jikkunsidra n-natura diskriminatorja ta'tali agir stante li jidher li r-rikorrent gie 'singled out' ghal dan it-trattament specjali ghad-differenza ta' mijiet ohra li qedin fl-istess qaghda w, anzi, ghandhom negozju minghajr l-icken permess minghajr tali azzjoni estrema ma ttiehdet fil-konfront taghhom ;

7. Illi tali agir jammonta ghal ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti kif protetti mill-Artikoli 3, 6, 7, 8 u 14, u ta' l-1 Artikolu ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-bniedem.

Is-socjeta' rikorrenti talbet li din il-Qorti tiddikjara li gew miksura fil-konfront taghha dawk id-drittijiet fondamentali taghha kif protetti bil-precitati Artikoli, u tghatiha dawk ir-rimedji xierqa w opportuni, inkluz ir-risarciment tad-danni minnha sofferti, bl-ispejjes."

<u>Risposta</u>

L-intimata Awtorita ta' l-Ippjanar hekk irrispondiet ghar-rikors promotur:-

"(a) Illi fl-ewwel lok, ir-rikorrenti ghadu ma esawriex ir-rimedji ordinarji skond l-Att I tal-1992;

(b) Illi minghajr pregjudizzju ghal din l-ewwel eccezzjoni, fit-tieni lok, l-istess Awtorita' ta' l-Ippjanar agixxiet fit-termini ta' l-Att I tal-1992 ;

(c) Illi l-Awtorita' ma kkommettiet ebda ksur ta' l-Artikolu 3, u cioe', trattament jew piena inumana jew degradanti. Lanqas ma kien hemm xi ksur ta' l-Artikolu 6, anzi r-rikorrenti kien qed jinghata dritt ta' smiegh imparzjali w pubbliku quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar. Ghar-rigward ta' l-Artikolu 7, ma nhargux fil-konfront tar-rikorrenti xi proceduri kriminali izda biss l-Awtorita' hadet il-passi amministrattivi biex tirregola l-izvilupp. Ir-rikorrent lanqas ma spjega kif qed jigu miksura l-Artikoli 8 u 14 u dwar dan l-Awtorita' ta' l-Ippjanar tikkontendi li ma kisret ebda dritt ghar-rispett tal-hajja privata tar-rikorrenti jew tal-familja tieghu u lanqas ma ddiskriminat kontrih, IZDA biss qdiet il-funzjonijiet taghha stante ksur ta' zvilupp.

L-intimata Awtorita' ta' l-Ippjanar ghalhekk talbet li din il-Qorti tichad it-talbiet tar-rikorrenti bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt, bl-ispejjes."

**Intervent fil-kawza**

L-Avukat Dottor Joseph M. Sammut b'rikors ta' l-10 ta' Novembru 2000 talab li l-Ewwel Qorti tawtorizzah sabiex jintervjeni fl-atti 'in statu et terminis' billi kellu interess dirett, immedjat u guridiku f'dawn il-proceduri. B'digriet tal-15 ta' Marzu, 2001 l-Ewwel Qorti laqghet it-talba ta' l-istess Avukat Joseph M. Sammut u awtorizzatu jintervjeni f'dawn il-proceduri kif fil-fatt ghamel.

**Decide**

B'sentenza tal-21 ta' Mejju, 2001 il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet ir-rikors billi effettivament laqghet l-ewwel eccezzjoni ta' l-Awtorita' illi r-

rikorrent appellant kien ghadu ma ezawriex ir-rimedji ordinarji skond l-Att numru 1 ta' l-1992. Dik il-Qorti hekk iddecidiet:-

> "Il-Qorti qed tipprevalixxi ruhha mid-diskrezzjoni moghtija lilha mill-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4 tal-Kap. 319, u taghzel li tiddeklina milli tezercita s-setghat taghha skond dawn l-Artikoli ghaliex tinsab sodisfatta li l-mezzi xierqa ta' rimedji ordinarji ghall-allegat ksur ghadhom disponibbli favur is-socjeta' rikorrenti, tant li l-proceduri mibdija mir-rikorrenti ghadhom pendenti, u, ghalhekk, hu f'dan is-sens li ghadhom ma gewx ezawriti definittivament dawn l-istess rimedji ordinarji. Ghalhekk il-Qorti qed tilqa' l-eccezzjoni sollevata mill-intimata Awtorita' ta' l-Ippjanar u tillibera lill-istess mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjes kontra s-socjeta' rikorrenti."

**<u>Motivazzjoni tas-sentenza appellata</u>**

L-Ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha:-

> "Illi bhala fatt jirrizulta nkontestat li fis-17 ta'Ottubru, 2000, kien inhareg **<u>avviz biex tieqaf u ta'twettieq (numru 01039/00, Dok TD 1</u>**) stante li, skond l-intimata Awtorita' ta' l-Ippjanar, is-socjeta' rikorrenti kienet qed tuza garage msemmi fl-atti mhux skond il-permess li kellu dan il-garage, u cioe' il-permess bin-numru PA 4690/93, izda kien qed jintuza bhala **fabbrika ta' l-ghagin** fuq skala industrijali.
>
> Jirrizulta li s-socjeta' rikorrenti kienet ghamlet appell quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fejn ikkontestat tali avviz imsemmi (01039/00) biex jigi stabbilit jekk dan l-avviz kienx hareg korrettament jew le.
>
> Illi l-effett ta' tali avviz ta'waqfin u ta'twettieq hu li l-parti tat-twettieq tigi sospiza pendenti l-appell, filwaqt li l-parti tal-waqfin (fil-kaz prezenti ma jitkompliex l-allegat uzu illegali tal-garage bhala fabbrika ta' l-ghagin) ghandu jieqaf immedjatament. Hu l-obbligu ta' min jigi notifikat b'dan l-avviz li jrid jieqaf immedjatament minn xi allegat uzu illegali ta' xi propjeta' in kwistjoni pendenti applikazzjoni fit-terminu tal-ligi jew appell. Hu propju ghalhekk mela li meta si tratta ta'avviz biex wiehed jieqaf milli jkompli bl-uzu illegali, dan ghandu jghamel hekk

immedjatament, u l-partijiet koncernati ghadhom, fit-termini ta' l-Artikolu 55 (1) ta' l-Att I tal-1992, jistennew l-ezitu ta' l-appell.

Issa fil-kaz prezenti, jirrizulta car, u dan lanqas ma hu kontestat, li wara li s-socjeta' rikorrenti kienet irceviet dan l-avviz ghall-waqfien, hi kienet appellat quddiem il-Bord ta' l-Appell Dwar l-Ippjanar, liema appell, certament fiz-zmien li nbdew dawn il-proceduri minnha, kien ghadu pendenti, u x'aktarx ghadu hekk anke sal-lum.

Illi kif gie ben stabbilit kostantement b'gurisprudenza nostrana li f'kaz li xi ilment jista' jigi rimedjat b'mezzi ordinarji, il-Qorti Kostituzzjonali tastjeni milli tisma' xi rikors kostituzzjonali li hu biss ir-rimedju estrem f'kaz li ma jkunx hemm rimedji ordinarji ohra, jew, jekk ikun hemm, ghadhom ma gewx ezawriti b'mod definittiv.

Illi fil-kaz prezenti jirrizulta nkontestat li ghad hemm pendenti l-appell istitwit mis-socjeta' rikorrenti quddiem il-Bord ta' l-Appell Dwar l-Ippjanar, u, ghalhekk, ghad hemm ukoll il-possibilita' eventwali ta' appell iehor minn xi decizjoni ta' dan il-Bord ta'Appell quddiem il-Qorti ta'Appell, liema dritt huwa moghti skond il-ligi bl-Att I tal-1992.

Illi, u dan kif gja' gie accennat aktar il-fuq, skond gurisprudenza kopjuza lokali, din il-Qorti gja' ddecidiet fi stanzi simili li m'ghandhiex tiehu aktar konjizzjoni tar-rikors jekk ghad hemm mezzi disponibbli taht il-ligijiet oridinarji jew kien hemm mezzi taht il-ligijiet ordinarji li ma kienux gew utilizzati. F'tali eventwalita', u dan skond kif deciz mill-*Qorti Kostituzzjonali fil-21 t'April, 1995, fil-proceduri Lawrence Cuschieri –vs- Prim Ministru*, jekk jirrizulta li xi rikorrent ma jkunx utilizza r-rimedji ordinarji ghad-disposizzjoni tieghu, id-diskrezzjoni tal-Qorti taht l-Artikolu 42 (2) tal-Kostituzzjoni tieqaf hemm u ma tistghax tkompli tisma' l-lanjanza tar-rikorrent. Fil-kaz prezenti, kif intqal qabel, meta s-socjeta' rikorrenti kienet giet notifikata bl-avviz numru 01039/00, kienet utilizzat r-rimedju taht l-Att I tal-1992 billi appellat quddiem il-Bord ta' l-Appell Dwar l-Ippjanar, liema proceduri kienu pendenti meta sar ir-rikors prezenti. Barra minn hekk, anke f'kaz ta' rifjut minn dan il-Bord ta'Appell, is-socjeta' rikorrenti dejjem ghandha r-rimedju l-iehor billi tappella quddiem il-Qorti ta' l-Appell.

Issa in bazi ta' dak li gie deciz fil-kawza msemmija, gie stabbilit b'mod car li d-diskrezzjoni tal-Qorti tieqaf hekk kif jigi stabbilit li fil-fatt rimedji ghall-lanjanzi tar-rikorrenti huma jew ghadhom disponibbli.

Illi fil-fatt, anke ricentement, konformament ma' rassenja ta'sentenzi kemm ta' din il-Qorti kif ukoll tal-Qorti Kostituzzjonali, dan l-istess punt rega' gie ritenut u deciz bl-istess mod f'diversi proceduri ohra, fejn dawn il-Qrati ghamlu riferenza ghad-decizjoni ta'Lawrence Cuschieri w rrepetew dak li kien inghad f'dik id-decizjoni, fejn inghad ukoll li sakemm tibqa' il-possibilita' li l-lezjoni ta' xi dritt fondamentali setgha kien, jew ghad jista' jigi, retifikat bil-proceduri w mezzi ordinarji provduti mill-ligi, ikun generalment il-kaz li din il-Qorti tiddeklina milli tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha. Fejn ghad hemm disponibbli mezzi ordinarji, dawn ghandhom jigu adoperati, u r-rikors ghall-organi gudizzjarji ta'natura kostituzzjonali ghandu jsir **wara li r-rimedji ordinarji jigu ezawriti definittivament jew meta ma jkunux disponibbli**.

Ghalhekk, meta, bhal ma hu fil-kaz prezenti, m'hemmx dubju li r-rikorrent qieghed kontestwalment ma' dan ir-rikors kostituzzjonali tieghu, jaghmel uzu minn rimedji ordinarji provduti mill-ligi, dan logikament u necessarjament ifisser li r-rikorrent ghadu ma ezawriex ghall-kollox dawn il-mezzi ordinarji moghtija lilu mill-ligi, u, ghalhekk, in bazi tad-diversi sentenzi moghtija mill-Qrati taghna f'din il-materja, is-socjeta' rikorrenti setghet tirrikorri lejn din il-Qorti wara li tkun ezawriet definittivament dawn il-mezzi ordinarji disponibbli ghaliha bil-ligi, u mhux waqt li ghadhom pendenti, anke ukoll minhabba il-fatt biss li hemm possibilita' eventwali ta' xi appell mid-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell Dwar l-Ippjanar."

## <u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>

Is-socjeta' rikorrenti appellat minn din is-sentenza. Il-qofol ta' l-aggravju taghha hu illi wiehed kellu jifhem sew li l-ilment kostituzzjonali ma kienx indirizzat kontra l-hrug ta' l-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq imsemmi fir-rikors promotur izda kontra l-agir ta' l-Awtorita' intimata li twettaq kontra s-socjeta' rikorrenti sussegwentement ghall-hrug ta' dak l-avviz u cioe' l-issigillar tal-fond "Miranret", Triq ta' Ciantar, Zurrieq. Is-socjeta' appellanti tissottometti li l-Ewwel Qorti ma ghamlitx distinzjoni

cara bejn ic-cirkostanzi li jikkoncernaw il-hrug ta' l-avviz u dawk ic-cirkostanzi l-ohra li jikkoncernaw l-issigillar tal-fond imsemmi. L-Awtorita' appellata tallega li dak l-issigillar twettaq minnha peress li hi inghatat is-setgha li taghmel dan taht l-artikolu 55 (1) ta' l-Att Numru 1 ta' l-1992. Dan l-artikolu hekk jiddisponi:-

> "Jekk xi passi jew azzjoni ohra, komprizi s-sospensjoni, twaqqif jew htiega ohra ma jkunux ittiehdu fiz-zmien specifikat fl-avviz, jew minnufih jekk hekk mehtieg, l-Awtorita' tista' tidhol fuq l-art u tiehu dawk il-passi jew azzjoni ohra kif fuq imsemmijin … …"

Is-socjeta' appellanti ssostni li l-Awtorita' ta' l-Ippjanar ma kellhiex id-dritt illi tinvoka dak l-artikolu biex tagixxi kif agixxiet.

In sostenn ta' din is-sottomissjoni, infatti, l-istess socjeta' tinsisti illi l-agir ta' l-Awtorita' illi tissigilla l-fond li fih kien qed jiggestixxi n-negozju, skond hi minghajr id-debiti permessi, kienet in aperta vjolazzjoni tas-subinciz 5 ta' l-artikolu 52 ta' l-istess Att Dwar l-Ippjanar li kien jiddisponi illi meta jsir appell quddiem il-Bord ta' l-Appell Dwar l-Ippjanar, l-effetti ta' l-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettieq kellhom jigu sospizi sakemm dak l-appell ikun ghadu pendenti. Fil-fehma tas-socjeta' appellanti, dak il-provvediment kien intiz biex il-persuna illi bhala tkun qeghda twettaq certu xoghlijiet jew zvilupp, ma tigix pregudikata meta tkun ghadha ma inghatatx decizjoni fuq il-mertu minn entita' indipendenti bhal ma kien il-Bord ta' l-Appelli. Kien ghalhekk illi l-

legislatur haseb li jissospendi l-effetti ta' l-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettieq pendenti l-ezitu ta' l-appell.

> "Ghalhekk, ghalkemm il-persuna koncernata ma ghandhiex tkompli bl-izvilupp in kwistjoni, l-Awtorita' ghandha tieqaf minn kull azzjoni li tkun giet prevista fl-avviz."

L-Awtorita' ta' l-Ippjanar tikkontesta din is-sottomissjoni. Hi tissottometti illi l-artikolu 52 fuq citat, jipprovdi illi f'kaz ta' Avviz biex Tieqaf u ta' Twettieq, il-parti tat-twettieq tigi sospiza pendenti l-appell, izda, il-parti ta' twaqqif (li f'dan il-kaz hija biex is-socjeta' appellanti ma tkomplix il-bidla fl-uzu llegali) ghandha effett immedjat. Skond dak l-artikolu, anke jekk issir applikazzjoni fit-terminu tal-ligi biex wiehed jittanta jissana u allura jwaqqaf l-ezekuzzjoni skond l-istess artikolu 52, wiehed kellu jieqaf immedjatament mill-kontinwazzjoni. Ghaldaqstant, l-Awtorita' ma tezegwiex u tnehhi kollox, izda r-rikorrent kellu jieqaf mill-azzjoni tieghu, pendenti applikazzjoni fit-terminu jew appell.

In vista ta' dan, u a tenur ta' l-artikolu 55 (1) ukoll citat mis-socjeta' appellanti, l-Awtorita' setghet tiehu dawk il-passi necessarji biex twaqqaf l-izvilupp li jkun ghadu sejjer (f'dan il-kaz l-uzu) stante l-ksur tal-parti tat-twaqqif fl-istess avviz. Azzjoni li fil-fatt hadet l-Awtorita' kontra s–socjeta' appellanti.

Minn dawn il-posizzjonijiet manifestament kontrastanti dwar l-interpretazzjoni tal-ligi specjali li tirregola l-ippjanar, kellu jkun aktar minn ovvju illi l-kontestazzjoni bejn il-kontendenti kien proprju dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta' din il-ligi. Materji dawn li indubbjament jaqghu fil-kompetenza esklussiva fl-ewwel lok tal-Bord ta' l-Appelli dwar l-Ippjanar imwaqqaf b'dik il-ligi specjali u ultimament tal-Qorti ta' l-Appell li ghandha gurisdizzjoni esklussiva illi tiddetermina l-appelli mill-punti ta' dritt decizi mill-istess Bord li jigu lilha riferta. Certament l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-ligi f'dan il-kaz, ma kenitx materja illi kellha fl-ewwel lok tigi sottomessa a gudizzju tal-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jigux minn xi parti attakkati, bhala mhux skond il-Kostituzzjoni, l-ligi u regolarment li in forza taghha tkun agixxiet l-Awtorita'. L-applikazzjoni korretta tal-ligi prezunta bhala kostituzzjonalment korretta u maghha konformi kienet materja li taqa' qabel xejn fil-kompetenza tal-Qrati Ordinarji. Hu car mill-aggravju tas-socjeta' appellanti illi din qed tippretendi illi l-Awtorita' ma kellhiex bil-ligi, li taghha hi stess iccitat il-provvediment relativi, il-vires biex tagixxi kif agixxiet meta forzatament interveniet biex taghlaq in-negozju taghha, skond hi, abbuziv pendenti l-appell quddiem il-Bord ta' l-Appelli. Il-mertu li kellu jigi f'dan l-istadju deciz allura ma kienx jekk tali agir kienx jew le jivvjola xi dritt fondamentali tas-socjeta' appellanti izda jekk l-Awtorita' kenitx b'dak l-agir eccediet il-poteri lilha moghtija mil-ligi.

Is-socjeta' appellanti hi allura rinfaccjata b'wahda minn zewg alternattivi. Jew il-mertu tar-rikors, kif propost, kellu jigi fl-ewwel lok epurat u deciz bhala parti mill-kontestazzjoni quddiem il-Bord ta' l-Appelli fir-rigward tal-validita' tal-hrug ta' l-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettieq. L-istess Awtorita' fir-risposta taghha tissottometti illi dan hu possibbli stante li l-Bord ta' l-Appell kien gie mitlub jivvaluta l-korrettezza o meno ta' l-istess avviz li in forza tieghu l-istess Awtorita' kienet agixxiet kif agixxiet, skond is-socjeta' appellanti, malament. L-Awtorita' ssostni illi jekk il-Bord ta' l-Appelli jiddeciedi favur it-tezi tar-rikorrent, dan kien f'posizzjoni illi jaghti rimedju effettiv biex il-ksur tad-drittijiet tas-socjeta' appellanti jigu rimedjati, anke jekk dawn kellhom, min-natura taghhom, rifless fil-ksur allegat tal-jeddijiet fondamentali. Bizzejjed jinghad illi parti mil-lanjanza kostituzzjonali jidher li hi bazata fuq allegazzjoni ta' diskriminazzjoni. Mertu dan li kif gie gia' drabi ohra dibattut u deciz minn din il-Qorti kif ukoll mill-Qorti ta' l-Appell fil-gurisdizzjoni limitata lilha moghtija fl-Att Numru 1 ta' l-1992, seta' jigi wkoll investigat u deciz mill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar proprju fit-termini tad-disposizzjonijiet ta' dak l-istess Att.

Kien f'dan l-isfond li din il-Qorti f'kawzi ohra b'mertu simili jekk mhux identiku ghal dak taht ezami ghazlet li tiddeklina li tezercita s-setghat taghha ghaliex irriteniet li ma kienux gew ezawriti r-rimedji ordinarji, dan b'mod specjali fejn ikunu gew intavolati proceduri, disponibbli lir-rikorrent quddiem xi Qorti ohra u li, kif hu f'dan il-kaz, ikunu ghadhom

pendenti. Issir hawn riferenza ghas-segwenti kazistika. Hemm ukoll ohrajn. (1) “McKay –vs- Pulizija u l-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar” deciza mill-Prim’Awla (Sede Kostituzzjonali) fis-27 ta’ Lulju,1995; (2) “Domenico Savio Spiteri –vs- L-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta’ Gunju, 1999; (3) “Edward Zahra –vs- Awtorita’ ta’ l-Ippjanar” deciza min din il-Qorti fil-31 ta’ Mejju, 1999; (4) “Paul Camilleri –vs- Awtorita’ ta’ l-Ippjanar” deciza mill-Prim’Awla (Sede Kostituzzjonali) fl-4 ta’ Dicembru 1998; (5) “Teddy Rapa -vs- Awtorita’ ta’ l-Ippjanar” deciza minn din il-Qorti fil-31 ta’ Mejju, 2000; (6) “Riccardo Zammit –vs- Awtorita’ ta’ l-Ippjanar” deciza mill-Prim’Awla (Sede Kostituzzjonali) fid-19 ta’ Mejju, 2000 kif ukoll (7) “Lawrence Fino –vs- Awtorita’ tal-Ippjanar” deciza mill-Prim’Awla (Sede Kostituzzjonali) fit-23 ta’ April, 1999.

Kien fl-iskorta ta’ din il-gurisprudenza illi l-Ewwel Qorti gustament iddisponiet mir-rikors bl-applikazzjoni tas-subinciz 2 ta’ l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u ta’ l-artikolu 4 tal-Kap 319. Mill-banda l-ohra, jekk jigi sostnut illi t-tezi tas-socjeta’ appellanti illi l-mertu, kif minnha propost, ma kienx jista’ jigi epurat u deciz fit-trattazzjoni ta’ l-appell tieghu quddiem il-Bord ta’ l-Appelli u eventwalment quddiem il-Qorti ta’ l-Appell, jidher li xorta s-socjeta’ appellanti kellha ghad-dispozizzjoni taghha rimedju xieraq skond il-ligijiet ordinarji illi hi ma jidhirx li uzufruwiet minnu. Infatti l-imputazzjoni illi l-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar kienet eccediet il-poteri lilha moghtija bil-ligi specjali li kkostitwietha,

indubbjament kienet f'kull kaz taqa' fil-limiti tad-disposizzjoni tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili illi tirregola l-istharrig gudizzarju ta' azzjoni amministrattiva skond kif dispost fl-artikolu 469 A. Naturalment salv is-subinciz (4) ta' dak l-artikolu li jistabilixxi illi "id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma ghandhomx japplikaw meta l-mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem Qorti jew Tribunal jigi provdut dwaru b'xi ligi ohra".

Koncess pero' ghall-grazzja biss ta' l-argument illi hi korretta s-socjeta' appellanti illi l-agir partikolari li minnu kienet qeghda tilmenta b'dawn il-proceduri ma setghax jigi verifikat mill-Bord ta' l-Appelli jew mill-Qorti ta' l-Appell li jirrevedi rimedji d-decizjoni ta' l-istess Bord ma kienx hemm dubbju illi l-Awtorita' ta' l-Ippjanar kienet tikkwalifika bhala "awtorita' pubblika" in kwantu kienet korp maghqud u kostitwit permezz ta' ligi skond id-definizzjoni tas-subinciz (2) ta' l-istess artikolu. Inoltre, ghemil amministrattiv soggett ghall-verifika u stharrig skond dik id-disposizzjoni kien jinkludi wkoll "il-hrug ta' kull ordni, licenza, permess, warrant, decizjoni jew ir-rifjut ghal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorita' pubblika". Indubbjament il-kontestazzjoni tas-socjeta' appellanti hi dwar il-hrug ta' ordni, licenza jew permess minn awtorita' pubblika.

Il-fatti tal-kawza mbaghad kif traccjati mill-istess socjeta' appellanti jinkwadraw ruhhom perfettament fis-subinciz (b) ta' l-inciz 1 ta' l-artikolu 469 (A) li jiddikjara li l-Qrati tal-Gustizzja ta' kompetenza civili kellhom

gurisdizzjoni biex jistharrgu l-validita'  ta' xi ghemil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-ghemil null, invalidu jew minghajr effett fil-kazijiet li jkun gejjin biss … … "(b) meta l-ghemil amministrattiv ikun ultra vires ghal xi raguni minn dawn li gejjin. (1) Meta dak l-ghemil jitwettaq minn awtorita' pubblika li ma tkunx awtorizzata sabiex twettqu; jew (2) meta l-awtorita' pubblika tkun naqset li tosserva l-principji tal-gustizzja naturali jew htigijiet procedurali mandatorji fit-twettiq ta' ghemil amministrattiv jew fuq deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-ghemil; jew (3) meta l-ghemil amministrattiv jikkostitwixxi abbuz tas-setgha ta' l-awtorita' pubblika billi dan isir ghall-ghanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti; (4) meta l-ghemil amministrattiv ikun imur mod iehor kontra l-ligi."

L-aggravju tas-socjeta' appellanti jinkwadra ruhu b'ezattezza kbira fil-parametri ta' dawn il-kazijiet ta' azzjoni amministrattiva li setghu ikunu soggetti ghal stharrig gudizzjarju mil-Qrati ta' kompetenza ordinarja. Anke dan ir-rimedju kien allura accessibbli ghas-socjeta' appellanti u kellu jigi esperimentat jekk il-mertu ma jkunx gia gie milqut bis-subinciz (4) ta' l-istess artikolu 469 (A) ghaliex dan seta' jipprovdi rimedju xieraq u adegwat ghal-lanjanzi taghha ta' l-abbuz ta' poter minn awtorita' pubblika.

Dawn il-konsiderazzjonijiet kellhom jitqiesu mhux biss in aggunta ma' dak li gustament qieset l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata imma wkoll

mas-segwenti insenjament ta' din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet "Dr. Mario Vella vs Joseph Bannister noe" deciza fis-7 ta' Marzu, 1994.

> "(a) Meta huwa car li hemm mezzi ordinarji disponibbli ghar-rikorrent biex ikollu rimedju ghad-dannu li qed jillamenta, bhala principju generali dawn ghandhom jigu adoperati u r-rikors ghall-organi gudizzjarji ta' natura kostituzzjonali, ghandu jsir wara li l-ordinarji jigu ezawriti jew meta ma humiex disponibbli.
>
> (b) Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirrizultawliex ragunijiet serji u gravi ta' illegalita' jew ta' ingustizja jew ta' zball manifest, ma tiddisturbax l-ezercizzju ta' diskrezzjonalita' ta' l-Ewwel Qorti konferita fl-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni.
>
> (c) Kull kaz ghandu l-fatti specje partikolari tieghu.
>
> (d) Meta r-rikorrent ma jkunx ghamel uzu minn rimedju li seta' kellu, dan ma jfissirx li l-Qorti ghandha tikkonsidra li ma ghandhiex tezercita l-gurisdizzjoni taghha jekk dak il-possibbli rimedju ma kienx pero' ser jirrimedja hlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrent.
>
> (e) Meta r-rikorrent ma jkunx ezawrixxa r-rimedji ordinarji, jekk pero' dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa ghalih bl-operat ta' haddiehor, allura ma jkunx desiderabbli li l-Qorti tieqaf u ma tipprocedix bit-trattazzjoni tal-kaz.
>
> (f) Meta l-Ewwel Qorti tezercita d-diskrezzjoni taghha u tieqaf mit-trattazzjoni minghajr ma tezamina l-materja necessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni ghandha tigi ezercitata, il-Qorti tat-tieni grad ghandha twarrab dik id-diskrezzjoni."

Din il-Qorti hi sodisfatta illi s-sentenza appellata ssegwi gustament dan l-insenjament anke jekk titqies korretta l-precizazzjoni tas-socjeta' appellanti fir-rigward tal-kontenut ta' l-aggravju taghha riferibilment ghall-fatt tas-sigillar mill-Awtorita ta' l-Ippjanar tal-fond li minnu hi kienet qeghda allegatament tiggestixxi abbuzivament in-negozju taghha u

mhux mil-fatt tal-hrug ta' l-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettieq tas-17 ta' Ottubru, 2000.

Din il-Qorti nnotat is-sottomissjoni ta' l-appellanti illi l-appell li hi ghamlet quddiem il-Bord ta' l-Appelli kien sar biss fir-rigward ta' l-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettieq u dana peress li l-agir li fuqu qed isir l-ilment kostituzzjonali kien ghadu lanqas biss twettaq. Is-socjeta' appellanti ssottomettiet li dan ifisser illi d-decizjoni li ser tittiehed mill-Bord ta' l-Appell ta' l-Ippjanar tikkoncerna biss il-hrug ta' l-Avviz u bl-ebda mod ma hi ser taffettwa l-agir abbuziv ta' l-Awtorita' intimata. L-ezitu ta' l-appell quddiem il-Bord ghalhekk skond is-socjeta' appellanti, qatt ma seta' jipprovdi rimedju effettiv kontra l-agir illegali ta' l-Awtorita' intimata. Sottomissjoni ta' din ix-xorta setghet titqies li kellha sostanza biss jekk jigi konsidrat illi l-azzjoni ta' l-issigillar fin-negozju ma kenitx tiddependi mill-Avviz ta' Twettieq u li tali azzjoni kellha titqies b'mod awtonomu u ndipendenti minnu. Azzjoni li fiha innifisha kienet tikkostitwixxi lezjoni tal-jeddijiet fondamentali tas-socjeta' appellanti. Din il-Qorti, kif inghad, ma tqisx din is-sottomissjoni korretta u f'kull kaz anke li kieku kienet, is-socjeta' appellanti kellha rimedju kontra din l-allegazzjoni ta' abbuz ta' poter. Rimedju xieraq u effettiv li jiggustifika lill-Ewwel Qorti fid-decizjoni taghha li tiddeklina li tezercita l-jeddijiet taghha fit-termini tas-subiniciz (2) ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u ta' l-artikolu 4 tal-Kap 319.

Ghal dawn il-motivi, is-sentenza appellata qed tigi konfermata u l-appell michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta' appellanti.

Dep/Reg

cb